# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## Għaxar LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 04

25 ta' Settembru, 2024

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-11:46pm

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Philip Cassar – Viċi Sindku
Francis Galea – Kunsillier
Franco Bajada – Kunsillier
Maria Cassar Sultana– Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

N/A

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marie Josette Vella Magro – Segretarja Eżekuttiva

# Aġenda Nru. 04

04.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
04.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 03
04.3 Komunikazzjoni mis-Sindku
04.4 Attività jiet
04.5 Mistoqsijiet u Tweġibiet
04.6 Komunikazzjoni
04.7 Ilmenti u suġġeriment
04.8 Skeda tal-pagamenti
04.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 04.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

04.1.1 Il-Kunsill ma rceviex ittra ta' apologija minghand Maria Cassar Sultana imma li kienet se tasal tard u fil-fatt, dahlet ghal-laqgha f-12:00.

## 04.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 03

04.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa preċedenti Nru.03. Is-segretarja eżekuttiva bagħtet il-minuti tal-laqgħa Nru 03 lill-kunsilliera. Il-kunsilliera Galea talbet kjarifika fuq ilment li ressqet fil-laqgħa preċedenti, rigward l-isem tat-triq imsemmija fl-ilment. Is-segretarja eżekuttiva qalet li kif hemm imniżżel fil-minuti, ikkonfermat li t-triq imsemmija hija Triq il-Lewż. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarja Eżekuttiva.

## 04.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

04.3.1 Xamgħan : ilma maghqud u drenagg mqieghed.

04.3.2 Se tintbagħat nota lir-residenti ta' Triq Paranji, li l-Kunsill gie nfurmat mil-perit li hemm issue bil livelli u qed nistennew li l-PA tigi taghti l livelli hija stress.

04.3.3 Proġett tal-*playing field*: il-kuntrattur ghandu dokumenti nieqsa u ghadu ma daħħalx il-garanzija u s-segretarja eżekuttiva qeda f'kuntatt miegħu minhabba dan qabel jibda x-xogħlijiet.

04.3.4

Semma li jixtieq li jinxtara trakk biex jintuża għall-attività jiet. Il-viċi sindku staqsa jekk għandhomx garaxx fejn jistgħu idaħħlu dan it-trakk. Il-kunsill għandu f'moħħu li l-vetturi tal-kunsill jiġu pparkjati fejn il-*playing field* x'ħin jitlesta l-proġett li jkollku l-parking tahtu..

04.3.5

Rigward l-*aerial cables*, is-segretarja eżekuttiva se tagħmel kuntatt ma' l-inġinier ta' l-enemalta biex ikompli l-progett biex jitneħħew l-*aerial cables* fi Triq Sannat, wara li tlestiet l-infrastruttura taħt l-art, biex dawn l-*aerial cables* ikunu eliminati.

04.3.6

Is-sindku saħaq li l-kunsill preċedenti kien issuġerixxa li jinbidel is-sistema tad-dranaġġ fi Triq ta' Ċenċ, però l-korporazzjoni ta' l-ilma kienet irrifjutat. Konsegwentement, issa qed naraw li qed ikun hemm problemi fis-sistema tad-dranaġġ, fejn bix-xogħlijiet ta' riparazzjoni qed jinħoloq inkonvenjent, speċjalment tat-traffiku. L-infrastruttura hija responsabiltà tal-korporazzjoni ta' l-ilma, u bħalissa qed jittesjaw jew hemmx xi *leakages* fil-main tad-dranaġġ, jew inkella xi *leakages* minn naħa tad-dranaġġ tar-residenti. Is-segretarja eżekuttiva qeda f'kuntatt mal-korporazzjoni, biex tara meta se jitlestew ix-xogħlijiet u tkun tista tinfetaħ it-triq. Rigward l-asfaltar ta' din it-triq, il-korporazjoni qalet li din se tiġi tiswa madwar 15,000 ewro pero' hija spiza taghhom stress ghax huma qed
04.3.7 jaghmlu x xogholijiet..

Is-sindku qiegħed f'komunikazzjoni mal-kulleġġ t'Għawdex, rigward is-servizz tat-trasport ta' l-istudenti ta' l-akkwati ta' Ta' Ċenċ, peress li l-*bus* ma' tistax tgħaddi billi it-triq qed tkun magħluqa minħabba x-xogħlijiet tal-WSC li għaddejjin. Is-sindku qed jissuġerixxi li l-*bus* tgħaddi minn triq il-Gruwa u qed ikun hemm diskusjonijiet mas-*service provider* fuq dan l-aġġustament. Is-sindku qal li x'ħin ikollhom risposta definita se jtellgħu kominkazzjoni fuq il-paġna ta' *facebook* b'dan it-tibdil fir-rotta u hekk ikun qed jiġi offrut is-servizz tat-trasport lill-istudenti.

04.4

04.4.1 **Attivitàjiet**

Is-sindku qal li l-attività *Back to school* ma rnexxietx minhabba maltemp u għalhekk għal
04.4.2 din is-sena ma saritx. Jispera li ssir is-sena d-dieħla.

Is-sindku qal li l-attività tal-*beer festival* kienet suċċess u l-għaqdiet se jiġu jaraw ir-*returns* li kien baqa', biex ikunu jistgħu jgħalqu l-finanzi marbutin ma' din l-attività '.
L-*event* li jmiss hija t-tifkira tal-vittmi tal-gwerra li taħbat fl-10 t'Ottubru. Issa billi l-10 t'Ottubru se jaħbat il-Ħamis, is-sindku ssuġerixxa li din l-kommemorazzjoni se jsir l-Ġimgħa 11 t'Ottubru, fejn tkun mistiedna l-banda, jinħaraq salut fil- gurnata proprja l-10 ta' Ottubru u anki tindaqq is-sirena. Il-kunsill se jistieden dawk il-familjari ta' dawk il-vittmi ta' din it-traġedja, u kull min għandu dettalji tal-familjari jew huma stess huma qraba, jikkuntatjaw il-kunsill. Titpoġġa wkoll kuruna tal-fjuri ħdejn il-monument li jfakkar din it-traġedja. Is-segretarja eżekuttiva qalet li mportanti jaraw l-ispejjeż involuti u
04.4.3 jinġiebu kwotazzjonijiet meħtieġa. It-triq se tingħalaq mill-5.00pm sa' l-10.00pm.

Il-kunsill se jorganizza ħarġa edukattiva għal-anzjani fl-24 t'Ottubru, fejn se jkollhom fost l-oħrajn taħdita mingħand esperta tan-nutrizzjoni u d-dieta, waqt li wara se jkollhom
04.4.4 tombla u refreshments.

Il-kunsilliera ddeċidew li l-attività tal-karnival ta' din is-sena mtella fir-raħal se jsir il-
04.4.5 guranata tat-Tnejn. Se tinħareġ espressjoni ta' interess.

04.4.6 Is-sindku stieden lill-kunsillera li jekk jafu lil xi ħadd li ghandu xi dramm li jista' jittella fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira.

04.4.7 26 ta' April se jkun is-Sibt se jiġi mfakkar Jum Sannat.

04.5 3 ta' Mejju, il-weekend ta' wara se jsir il-*Wine Festival*.

04.5.1 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

04.5.2 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk kienx hemm xi mistoqsijiet.

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

04.6

**Komunikazzjoni**

04.6.1

04.6.2 Resident bgħatt ritratti ta' siġra li qiegħda fi Triq Bardan li għandha l-friegħi li qed imissu mal-*cables* tad-dawl. Is-segretarja eżekuttiva qalet li min se jagħmel ix-xogħol taż-żbir, jiġi nfurmat biex jiżbor is-siġra b'mod pulit u ma jaqtax parti kbira mis-siġra għax inkella il-kunsill ikollu ħafna lmenti. Is-sindku qal li l-permess żbir tas-siġar ikun maħruġ mil-ERA u din l-awtorità għandha tgħid kif trid tinżabar is-siġra. Fuq is-siġar l-oħra, is-sindku qal li hemm arranġament mad-dipartiment ta' l-edukazzjoni li minn naħa magħhom jipprovdu l-ħaddiema u l-kunsill jipprovdi c-*cherry* picker. Ukoll kien hemm talba li tinzabar is-sigra quddiem l-iskola l qadima fi Triq il-Kbira.

04.6.3 Is-segretarja eżekuttiva reggħet fakkret, li bħal ma qalet li fil-laqgħa preċedenti kienet talbet lill-kunsilliera li meta jressqu lment jibagħtulha r-ritratti relatati ma' dan l-ilment. Rigward iż-żibel fi Triq Xamgħan li qed jiġu rrapurtat, is-sindku qal li twaħħlet it-tabella u ntbagħtet fuljett lir-residenti bil-ħinijiet u ġranet ta'ġbir taż-żibel. L-awtorità tad-djar ukoll bagħtet u nfurmat b'dawn il-ħinijiet u l-ġranet lill-residenti li qed joqgħdu f'dawn l-appartamenti. Is-sindku qal li xi ħadd irrapurtalu li hemm xi żibel u skart f'daħla ta' garaxx, però din hija propjetà privata u l-kunsill ma jistax jordna l-ebda nfurzar f'dan il-każ.

04.6.4 Is-segretarja eżekuttiva nfurmat lill-kunsilliera li bagħtitilhom *link* minn naħa l-assoċċjazzjoni tal-kunsill lokali, fejn il-kunsilieri iridu jimmarkaw id-dati tat-twelid tagħhom.

04.6.5 Il-kunsill rċieva talba għal *sponsorship* mingħand il-klubb tal-futbol ta' Sannat Lions biex ikunu jista jinxtara sett ta' gearijiet. Il-kunsilliera qablu li l-kunsill jagħti l-approvazzjoni ta' dan l-isponsorship, bil-kundizzjoni li jkun hemm il-logo tal-kunsill lokali ta' Sannat.

Is-segretarja eżekuttiva qalet li tkellmet mal-*project manager* tal-pjazza, u hi imbaghad ikkonfermat li fil-permessi kien hemm bżonn is-servizz ta' speċjalista biex jagħti pariri fuq

is-siġar. Dan il-botanista diġa kien bgħatt kont ta’ 800 euro. L-erbgħa siġar l-oħra li se
04.6.6 jinqalgħu li mhux bil-fjura doppja se jithawlu band ohra f’open space Ta’ Sannat, u minflokhom fil Pjazza Santa Margerita jigu mhawwla s sigar skond kif hemm fit tender. Dan ghandu jsir sa tmiem Novembru 2024.

Il-kunsill qigħed f’komunikazzjoni mal-kunsill tax-Xewkija rigward in-nuqqas ta’ dawl fi triq Sannat, peress li din il-parti tat-triq taqa’ tal-konfini mal-kunsill tax-Xewkija, biex jiżdied id-dawl artifiċjali. Il-kunsillier Bajada staqsa wkoll fuq li parti minn triq Marziena li
04.6.7 hemm nuqqas ta’ dawl u ma taqax fil-konfini ta’ Sannat.

Is-sindku qal li l-kunsill mhux se jidħol responsabbli jekk jiġri xi inċident minħabba nuqqas ta’ dawl. Fil-fatt kif diġa’ ġie msemmi fil-laqgħat preċedenti, l-inġinier suppost qed jagħmel rapport fuq it-toroq tar-raħal u humiex imdawlin biżżejjed. Is-sindku flimkien mas-segretarja eżekuttiva se jitkellmu mad-dipartiment tal-gvern lokali biex jiżdied il-fondi allokati għal-kunsill għax fir-raħal infetħu ħafna toroq ġodda u għalkemm hemm spejjeż addizzjonali biex jitwaħħlu dawl artifiċjali. Il-kunsilliera Cassar semmiet li issa ġej
04.6.8 il-budget u jippruvaw jitolbu biex ikun hemm żieda fl-allokazzjoni finanzjarja.

Rigward il-permess ghal zvilupp li hemm fit-triq 20 ta’ Lulju, il-kuntrattur qed jissuġerixxi
04.6.9 li ssir laqgħa mal avukat u mal perit tal kunsill għada 26 ta’ Settembru fl-4.30 biex jekk il-kunsillieri jkollhom ċans jistaqsu għal kjarifiki.

Il-kunsill rċieva korrispondenza mingħand kumpanija ta’ l-assigurazzjoni privata jistaqsu
04.6.10 fuq dik il-parti ta’Triq il-Lewż li semmiet il-kunsilliera Galea fil-laqgħa preċedenti. Il-kunsill kiteb lura lil din il-kumpanija biex jirreferu direttament mat-Transport Malta.

Tas-Salina Nature Reserve kitbu lill-kunsill fejn informa li huma miftuħin u s-segretarja eżekuttiva qalet li jista jigi organizzat ħarġa għal dan il-post.

04.6.11

Il-kunsill kiteb lill-inġinier biex jassigura li bil-postijiet kollha li nbnew f’dawn l-aħħar snin, is-sistema tad drenagg tiflah; hu rrisponda li is-sistema tad-dranaġġ tiflaħ ghal bini kollu dement li li l-ilma tax-xita ma jkunx imwahhal mas Sistema tad drenagg.

Rigward il-ġemelaġiġ,  se jerġa jibda l-process biex jitqajjmuil-ġemelaġġi. Kien hemm nies mir-raħal ieħor qrib Pisoniao , Gerano, li urew interess fi progetti mar rahal ta’ Sannat li hu gemellat ma’ Pisoniano , bis-segretarja eżekuttiva tgħid li qed jistennew li toħroġ is-
04.6.12 sejħa biex japplikaw għal proġett ieħor, u li se jkun hemm involuti post minn Sardenja, minn Sqallija u mill Polonja u xi żewġ pajjizi oħra. Din is-sejħa probabli se tkun miftuħa b’mod partikulari li l- NGOs tar-raħal nkunu nistghu ninvolvuhom iktar imma se tkun miftuħa għal kulħadd.

Is-segretarja eżekuttiva qalet li kien hemm applikazzjoni tal -PA fid-daħla ta’ triq iċ-Ċnus li ġiet irtirata. Is-sindku spjega li l-kunsill kien applika għal-fondi Ewropej minn Mizura 4.4 għat-toroq agrikoli, għat-triq paralela ma’ Triq Il-Gruwa biex tingħata wiċċ tat-tarmac jew
04.6.13 konkos. Minn naħa ta’ l-Awtorità ta’ l-Ippjanar kienu oġġezzjonaw għax hija art mballta mid-daħla taċ-Ċnus, avolja kien konkos antik u anki oġġezzjonaw li jsir bit-tarmac għal-fini

estetika. Is-sindku talab lill-awtorità biex tissuġerixxi u ma jistax ikun tibqa' hekk għax kieku tkun triq oħra fil-kampanja bħal ma saret Triq Bardan bl-istess tip ta' fondi.

04.7 Il-Bord ta' Aġġudikazzjoni se jkun iffurmat miż-żewġ kunsillieri Galea u Bajada biex jiġi aġġudikat it-t*ender* tal-kameras tas-sigurtà. Is-segretarja eżekuttiva talbet lill-kunsillier Bajada biex jibgħat ic-CV tiegħu. Il-kunsill qed jiċċekja hemmx xi tender li se jkunu se jgħalqu fil-qrib, biex jerġgħu joħorgu t-tenders jew jiġu miktluba kwotazzjonijiet. .

04.7.1

## Ilmenti u Suġġerimenti

04.7.2

Is-segretarja eżekuttiva qalet lill-kunsillieri li jekk ikollhom xi ilmenti jibgħatuhom u ma jistennewx li tiġi l-laqgħa biex iressquhom halli jekk ikun nil-kaz jiehdu hsioebhom bejn laqgha u ohra ghal konvenjenza tar-residenti..

04.7.3

Residenti ta' Triq Paranji qed jistaqsu meta se titlesta t-triq. Il-kunsill talab lill-perit biex jikkomunka ma' l-awtorità ta' l-ippjanar biex toħroġ il-livelli tat-triq u jimmarkawhom fuq il-post. Il-kunsill se jibgħat komunikazzjoni lir-residenti biex jinformahom b'dan il-pass li jmiss u x'qed jagħmel il-kunsill.

04.7.4 Is-segretarja eżekuttiva flimkien mas-sindku, enfasizzaw li l-għaqdiet jew il-paroċċa tar-raħal li jibbenifikaw minn xi għajnuna mill-kunsill, l-kunsill għandu jkun rikonoxxut u jkun hemm il-logo tal-kunsill. Il-viċi sindku staqsa kif il-kunsillieri ikunu nfurmati li l-kunsill ta' xi għajnuna finanzjarja li xi għaqda jew persuni fir-raħal. Is-segretarja eżekuttiva spjegat li dawn it-talbiet jiġu diskussi fil-laqgħat tal-kunsill u f'eventwalità jiġu approvati jew miċħuda mill-kunsillieri nfushom u jrid ikun hemm *quorum* waqt il-laqgħa. Dawn il-ħlasijiet jiġu msemmija wkoll fl-iskeda tal-pagamenti li jinqraw waqt il-laqgħa.

04.7.5

Fil-laqgħa preċedenti fejn ġie deċiż li jsir *double yellow line* quddiem residenza privata, il-kunsill rċieva imejl li l-kunsilliera Cassar kellha kunflitt ta' interess f'din id-deċizjoni. Is-segretarja eżekuttiva qalet li fil-laqgħa preċedenti kien deċiż li jkun hemm id-*double*
04.7.6 *yellow line* tul il-bankina kollha u hekk se jiġu affetwati għaxar *parking spaces*. Is-sindku qal li hemm dawn l-għoxrin ċentimetri jiġu mneħħija, naturalment jintalbu l-permessi kollha. Il-kwistjoni ta' Triq il-Kbira tal gallerija li ntlaqtet minn vetturi gie deciz li jinzebagh
04.7.7 double yellow line mal bankina quddiem l isqaq li msejjah l-Sqaq ta' Peppa, u sadanittant il-perit u s-sindku jerghu mmorru fuq il-post u jaraw xi jrid isir sabiex il bankina tigi konformi u ta' wisgha wiehed minn 1.2 ghal 1

Minhabba dan, fil-12.47pm Il-kunsilliera Cassar iddikjarat kunflitt ta' interess u ħarġet mill-laqgħa.
04.7.8 Il-kunsilliera ddeċiedew li tinqata' ż-żejjed mil-bankina u anki hekk tkun aktar sigura.

12.48 pm Il-Kunsilliera Cassar terġa tidħol għal-laqgħa wara li ttieħdet deċizjoni.

04.7.9 Il-kunsill rċieva talba biex il-minuti tal-laqgħa isiru wkoll bil-lingwa Ingliża. Il-kunsilliera qabblu li l-minuti tal-laqgħa għandhom jibqgħu isiru bil-lingwa Maltija, u jekk xi persuna tkun tixtieq li tkun bil-lingwa Ingliża tiġi maqluba permezz tal-*google translator* minn naħa ta' l-individwu jew a spejjez tieghu..

Persuna ssuġġeriet biex isir *zebra crossing* ħdejn il-grawnd tal-futbol ta' Sannat. Il-kunsilliera qablu li din għandha isir, u l-kunsill se jagħmel talba lill-*Transport Malta*.

04.7.10 Il-kunsill intalab l-għajnuna tal-Ministeru biex jinxtgħelu l-fanali tal-pjazzetta ta' Triq ta' Ċenċ. Is-sindku stqar li x'ħin jitlesta l-proġett, se jinbidlu d-dawl.

04.7.11 Il-ġnien tal-bidwi hemm fanali mkissrin, bis-sindku jgħid li l-kunsill se jistenna li jitwaħħlu l-kameras tas-sigurtà biex dan jitranġaw, peress li huwa ndikat li huwa att ta' vandaliżmu.

04.7.12 Kien hemm ilment li hemm trinka fi Triq ta' Ċenċ li hija ta' periklu għal min ikun miexi jew bil-mutur. Is-sindku qal li din hija responsabiltà ta' l-korporazzjoni ta' l-ilma li bħalissa qed jagħmlu x-xogħlijiet meħtieġa. Is-sindku rrimarka li qed isiru ħafna *home services* barra r-residenza privata, però, mhux qed jingħata *tarmac* u għaldaqstant qed jirriżulta li qed ikun hemm ħofor fit-toroq li huma ta' inkonvenjent. Il-kunsill se jagħti no objection bil-kundizzjonijiet li tkun wiesa 1.5 metres u tkun minn curb sa curb kif ikun stipulat fil-permess u jsir ir-*reinstatement* tat-toroq.

Persuna bagħtet imejl lis-sindku, fejn qed tissuġerixxi l-kunsill jobbliga li ma jinżlux karozzi fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini, biex tkun tista' titgawda iktar il-bajja. Is-sindku qal li din hija diffiċli peress li anki hemm residenti u huwa post privat, kif ukoll qal lil din il-persuna li għandu jsir *master plan* u jiġi kkunsidrat din il-proposta.

## 04.8

Il-kunsillier Bajada staqsa rigward il-parti l-ġdida ta' Triq Dun Luqa biex ikun hemm is-servizz tad-dranaġġ biex hemm persuni jistgħu jidħlu jgħixu ġo dawn id-djar il-ġodda. Is-sindku qal li l-korporazzjoni ta' l-ilma ħarġet it-*tender* li jagħlaq fis-7 ta' Ottubru u wara jkun hemm l-aġġudikazzjoni u l-evalwazzjoni, biex finalment ikun jistgħu jibdew ix-xogħlijiet.

04.8.1

Il-kunsillier Galea staqsiet rigward ic-*charging points* tal-karozzi elettroniċi. Is-segretarja eżekuttiva qalet kien hemm xi laqgħat mas-sindku, fejn ghandna ikkonfermat b'imejl li kien se jkun hemm *charging points jekk approvati mill-PA.*. Is-sindku qal li mhumiex dawn l-ispots li ġew identifikati. Minn naħa tagħhom ikkonfermaw li dawn huma points u ma jistgħux jinbidlu.

## 04.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 3/2024

04.9.1

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 3/2024 li ntbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija minn Frances Galea. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-*Internet Banking*. Din l-iskeda ġiet ipproponuta minn Frances Galea u ssekondata mill-

Kunsillier Bajada. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemeż ma' dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-3:15pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis 17 ta' Ottubru , fil-11.00 pm

Konfermati, illum 17 ta' Ottubru 2024

| | |
|---|---|
| **Iffirmati** | **Iffirmati** |
| Philip Vella<br>Sindku | Marie Josette Vella Magro<br>Segretarja eżekuttiva |

68.3.7

68.3.8

68.3.9

68.3.10

## 68.4

68.4.1

68.4.2

68.4.3

68.4.4

68.4.5

68.4.6

68.4.7

68.4.8

## 68.5

68.5.1

68.5.2

## 68.6

68.6.1

68.6.2

68.6.3

68.6.4

68.6.5

68.6.6

## 68.7

68.7.1

68.7.2

68.7.3

68.7.4

68.7.5

68.7.6

68.7.7

68.7.8

68.7.9

68.7.10

68.7.11

68.7.12

68.7.13

6
68.7.14

68.7.14

68.7.15

68.7.16

68.7.17

68.7.18

68.7.19

68.7.20

68.7.21

## 68.8

68.8.1

## 68.9

68.9.1